Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2171(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2171(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti dwar rati għolja rikorrenti ta' riporti relatati ma' attivitajiet operattivi li jammontaw għal EUR 6,4 miljun (26 %) tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli għall-2022 riportati għall-2023; jenfasizza l-kumment tal-Qorti li r-rati għolja rikorrenti ta' riporti jikkontradixxu l-prinċipju baġitarju tal-annwalità u huma indikattivi ta' kwistjonijiet strutturali fil-proċess tal-baġit u ċ-ċiklu ta' implimentazzjoni; jinnota t-tweġiba tal-FRA li tistipula li l-qafas speċifiku li fih taħdem il-FRA, jagħmilha diffiċli li n-nefqa operattiva tiġi impenjata aktar kmieni fis-sena u huwa diffiċli li jiġu evitati kompletament ir-riporti; jisħaq li l-FRA żżomm implimentazzjoni baġitarja tajba b'eżitu ogħla minn 99 % f'dawn l-aħħar għaxar snin;

2. Jinnota b'sodisfazzjon l-assistenza tal-FRA fl-identifikazzjoni tax-xejra fl-oqsma tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, il-kontribut tagħha għal tfassil u implimentazzjoni aħjar tal-liġijiet billi tipprovdi pariri leġiżlattivi u ta' politika dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-vittmi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-protezzjoni tad-data, il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, il-minoranzi etniċi, il-persuni LGBTIQ u gruppi vulnerabbli oħra;

3. Jirrikonoxxi r-reazzjoni rapida tal-FRA għall-invażjoni Russa tal-Ukrajna inkluż li kienet waħda mill-ewwel aġenziji tal-UE fil-fruntiera, li mmonitorjat is-sitwazzjoni u ħejjiet rapport, żewġ bullettini u stħarriġ online; jilqa' r-rispons f'waqtu tal-FRA għal kwistjonijiet emerġenti tad-drittijiet fundamentali bħall-gwida ġenerali tal-FRA fir-rapport tagħha bit-titolu "Establishing national independent mechanisms to monitor fundamental rights compliance at EU external borders" (L-istabbiliment ta' mekkaniżmi indipendenti nazzjonali għall-monitoraġġ tal-konformità mad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni tal-UE); jilqa' l-assistenza pprovduta mill-Istati Membri tal-UE biex jistabbilixxu jew isaħħu l-mekkaniżmi nazzjonali għall-monitoraġġ tal-konformità mad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiżguraw salvagwardji li jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu; ifakkar li d-dritt internazzjonali jirrikjedi trattament mhux diskriminatorju għar-rifuġjati kollha;

4. Jilqa' l-inizjattivi kontinwi tal-FRA biex trawwem sinerġiji fost l-aġenziji tal-UE u r-rwol ta' koordinazzjoni tagħha f'firxa ta' inizjattivi man-network tal-aġenziji tal-ĠAI inkluż dwar il-protezzjoni tad-data u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jinnota b'apprezzament il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), jiġifieri l-kopresidenza tal-Forum Konsultattiv tal-Frontex u l-attendenza bħala espert tad-drittijiet fundamentali fil-laqgħat tal-Bord Maniġerjali tal-Frontex; jilqa' l-għoti ta' sessjonijiet ta' taħriġ lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), il-Frontex u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u

Ġustizzja (eu-LISA) dwar id-drittijiet fundamentali u l-użu tas-sistemi tal-IT fil-qasam tal-fruntieri u s-sigurtà; japprezza l-parteċipazzjoni fil-ħidma fil-qasam tas-sigurtà mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol); jilqa' l-kooperazzjoni mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) bi tħejjija għal ħidma fuq il-post għall-Istħarriġ II dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa;

5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-FRA qabżet sew il-miri tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħha u żammet livell għoli ta' sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati; jilqa' l-fatt li fl-2022, il-FRA pproduċiet 28 pubblikazzjoni, 3 062 output tar-riċerka, 342 input bil-miktub jew verbali, kif ukoll organizzat jew koorganizzat 134 laqgħa u avveniment u li saru 4 319 referenza għall-FRA fil-midja; jinnota b'sodisfazzjon iż-żieda fl-involviment tal-midja soċjali fl-2022;

6. Jilqa' l-livell għoli ta' sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati bl-attivitajiet tal-FRA biex tippromwovi l-kooperazzjoni permezz tal-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali fl-2022; japprezza li l-FRA organizzat firxa ta' avvenimenti, inkluż ir-raba' Djalogu dwar id-Drittijiet Fundamentali maż-żgħażagħ, kif ukoll workshops u webinars oħra biex tippromwovi d-drittijiet, il-valuri u l-libertajiet;

7. Jirrikonoxxi r-rwol tal-FRA fl-għoti tas-setgħa lill-infrastruttura nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, billi tikkoopera u toħloq sinerġiji mal-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u s-sħubija mal-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili. jinnota l-gwida kontinwa tagħha fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, b'ħarsiet ġenerali regolari indirizzati lill-Istati Membri rigward tħassib b'rabta mad-drittijiet fundamentali relatati mal-migrazzjoni; jilqa' r-rwol tal-FRA fit-trawwim ta' narrattiva bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem billi tiżviluppa komunikazzjonijiet effettivi, tinvolvi ruħha fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u għodod diġitali ġodda, u tlaqqa' flimkien l-atturi tad-drittijiet tal-bniedem biex jippromwovu l-valuri u l-libertajiet Ewropej.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 –: 9 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

47	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

9	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík

0	0

Key to symbols:
+ : in favour
- : against
0 : abstention

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni